MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2014

Numru. 262/2013

**Il-Pulizija**

**(Spettur Kylie Borg)**

**vs**

**Omissis**

**Lorita Pace**

**Kumpilazzjoni Nru: 262/2013**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmi **Omissis** u takkuzah talli f'dawn il-gzejjer, gewwa l-Floriana, nhar id-19 ta' Marzu, 2013 ghall-habta tas-12.50 ta' wara nofsinhar:-

Akkuzat talli

1. ikkommetta serq ta' handbag, nuccali, mobile phone, flus kontanti, credit cards, cwievet u dokumenti minn fuq il-persuna ta' Giuseppina Agius, (persuna ta' aktar minn sittin sena) liema serq hu kkwalifikat bi vjolenza numerika u bil-valur;

2. U aktar talli kkommetta feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Giuseppina Agius (persuna ta' iktar minn sittin sena), kif iccertifika Dr. Kenneth Vassallo M.D.;

3. U aktar talli naqas milli jhares il-kundizzjonijiet impost fuqu mill-Qorti, li bih inghata l-helsien mill-arrest taht garanziji;

4. Barra minn dan, l-omissis huwa akkuzat ukoll talli rrenda ruhu recediv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mhassra.

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmija **Lorita Pace**, ta' 28 sena bint Carmelo u Silvana xebba Zahra, imwielda Pieta' nhar id-09 ta' Lulju 1984, residenti 31, Flat 4, Triq San Zakkarija, Valletta u detentrici tal-karta ta' l-identita' Maltija bin-numru 362484M

Akkuzata talli f'dawn il-gzejjer, gewwa l-Floriana, nhar id-19 ta' Marzu, 2013 ghall-habta tas-12.50 ta' wara nofsinhar;

1. Irrendiet ruhha komplici fid-delitt maghmul minn Stephen Abdilla meta xjentament, ghenietu jew assistitu sabiex id-delitt kien gie ppreparat jew ikkunsmat, jew xewxietu, inmella sahhet il-volonta' tieghu sabiex jaghmel id-delitt, jew weghdietu li wara l-fatt tassistieh, tieqaf mieghu jew tikkompensah;

2. Wettqet reat waqt li kienet taht perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija mill-Magistrat Dr. Edwina Grima LL.D. nhar il-11 ta' Dicembru, 2012;

3. Irrendiet ruhha recidiva b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mhassra;

4. Ikkommettiet reat waqt li kienet taht ordni ta' probation liema sentenza nghatat mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dr. Edwina Grima LL.D. nhar it-28 ta' Marzu, 2012 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula ai termini ta' l-Artikoli 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Ikkommettiet reat waqt li kienet taht ordni ta' probation, liema sentenza nghatat mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dr. A. Apap Bologna LL.D. nhar l-24 ta' Frar, 2012 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula ai termini ta' l-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali premezz ta' liema baghat lill-imputata biex tigi gudikata minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub f'l-artikoli:

1. 42(d)(e), 261(a)(c), 262(b), 267, 274(c)(d), 276A, 277(a), 279 u 280(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. 42(d)(e), 221u 222A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. 7 u 21 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; u
6. 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li l-imputata ma kelliex oggezzjoni lil-kaz jitkompla bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dan il-kaz jirrigwarda *snatch and grab* fuq mara anzjana, certu Josephine Agius, li dak in-nhar ta’l-incident kellha erbgha u sebghin (74) sena; f’dan l-incident mhux biss insteraq il-handbag ta’ Agius imma hija soffriet ukoll griehi ta’ natura hafifa. Dan l-incident gie osservat f’stadji differenti tieghu minn xi persuni li tressqu bhala xhieda.

Illi Josephine Agius spjegat li dak in-nhar ta’l-incident kienet miexja fi Triq San Frangisk Floriana sejra lejn id-dar[1], kellha l-handbag f’idha ix-xellugija. F’xi hin gie ragel minn faccata taghha, hi resqitlu ftit pero hu dahhal idu fil-handbag u gibidulha; bil-forza li uza dan ir-ragel Agius daret u waqghet fuq irkuppitha u ghal wiccha. Mistoqsija minn waqqaha Agius regghet ikkonfermat li ragel, u mistoqsija specifikatament kienx hemm mara fil-vicinanzi Agius qalet li ragel gie fuqha.

[1] Illi ghalkemm waqt id-depozizzjoni taghha meta Agius bdiet tirrakkonta l-incident hija qalet li kienet waslet hdejn id-dar taghha huwa car li meta qalet li waslet hdejn id-dar ma kenitx qed timplika li kienet waslet ezattament hdejn id-dar imma fil-vicinanzi tad-dar; fil-fatt ftit qabel hija spjegat kjarament li l-incident sehh fi Triq San Frangisk u d-dar taghha kienet fi triq ohra wara l-kantuniera.

Illi inserta li propju dak il-hin li saret din l-aggressjoni kien ghaddej, fil-vettura tieghu, certu Christian Mansueto; hu tressaq bhala xhud u spjega dak li ra u l-involviment tieghu biex inqabdu il-persuni koncernati. Mansueto qal li hekk kif kien ghaddej qed isuq fid-dawra ta’ Triq San Frangisk sejjer l-isptar Boffa sema’ ghajjat u ra zewg irgiel isawtu mara anzjana; hu spjega li l-mara kienet ma’l-art u gibdulha l-handbag, qasmu jigru u baqghu niezlin fit-triq li taghti ghax-xatt. Mansueto, dejjem fil-karozza tieghu, minflok dahal fil-parkegg ta’ l-isptar Boffa baqa’ jsuq ghal warajhom; ra mara (li eventwalment identifika bhala l-imputata) qed thaffef il-pass u hu haseb li kienet bezghet minn dawk iz-zewg irgiel pero meta z-zewg irgiel waslu hdejn il-pompa tal-petrol li hemm fit-Telgha tal-Kurcifiss telghu t-tarag li hemm ftit aktar ‘l isfel mill-pompa (it-tarag li jaghti ghall-isptar Boffa) u l-mara marret maghhom. Inserta li ghaddejja wara l-vettura ta’ Mansueto kien hemm vetttura ohra, u jidher li s-sewwieq taghha kien ra kollox ukoll ghaliex teptiplu d-dawl u staqsih x’ser jaghmlu. Huma ddecidew li Mansueto jitla bil-pass wara dawk z-zewg irgiel u l-mara, fil-waqt li s-sewwieq l-iehor jdur bil-vettura tieghu. Mansueto pparkja malajr u sakemm ipparkja ra lill-irgiel jaghtu l-basket lil dik il-mara li mxiet maghhom hdejn il-pompa tal-petrol. Mansueto pparkja u tela’ jigri warajhom, qed jarahom mill-boghod u lahaqhom hdejn il-venda ta’l-linja (il-bus terminus ta’ putirjal. Hu ra lill-mara ddahhal il-handbag, li kien insteraq lil Agius, fil-basket taghha u din il-mara flimkien maz-zewg guvintur telghu fuq tal-linja; hemm Mansueto beda jiehu r-ritratti taghhom bil-mobile phone tieghu. Sadattant wasal is-sewwieq l-iehor, hu u Mansueto waqqfu il-karozza tal-linja u z-zewg irgiel u l-mara niezlu; il-mara u wiehed mill-irgiel harbu pero Mansueto u s-sewwieq l-iehor irnexxielhom izommu lir-ragel l-iehor sa kemm gew il-pulizija; dan ir-ragel kien jismu Stephen Abdilla.

Illi mill-informazzjoni li gabru l-pulizija fil-kors ta’ l-investigazzjoni taghhom u anke mill-kostatazzjonijiet li ghamlu fuq il-post meta waslu fit-terminus fejn kien qed jinzamm Abdilla, irrizulta li s-sewwieq l-iehor li ghen lil Mansueto biex inqabad Abdilla kien certu Joseph Fenech; Fenach ta l-verzjoni tieghu tal-fatti u x’kien l-involviment tieghu lill-pulizija pero dan Joseph Fenech ma tressaqx bhala xhud.

Ili kien hemm persuna ohra fil-vicinanzi fil-hin ta'l-incident; dan kien Mario Richard Micallef. Micallef dak il-hin kien hareg dawra bil-kelb tieghu fid-dawra ta' Triq San Frangisk f'l-inhawi fejn hemm zewg monumenti zghar qalb is-sigar. Fit-triq iltaqa' ma' Josephine Agius li hija gara tieghu; tkellmu ghal ftit minuti u wara hi baqghet niezla'l isfel lejn id-darha, hu baqa' sejjer lejn il-gnien. Hekk kif kompla miexi minn hdejn dawk iz-zewg monumenti hargu zewg irgiel u mara li mill-komportament taghhom qanqlulu xi suspetti. Micallef waqaf josserva u ra lil dawn it-tlett persuni niezlin it-tarag ta' Boffa; dan propju x'hin kien qed jara lil Agius titbieghed aktar 'l isfel fi Triq San Frangisk.  Dak il-hin il-mara li kienet maz-zewg irgiel, li hu gharaf bhala l-imputata, saqsietu il-hin; hu irrispondiha li kien 12.40hrs. Dak il-hin Agius kienet waslet aktar vicin id-dar taghha ghalhekk Micallef serrah mohhu u kompla bil-passeggjata. Dahal fil-gnien, dar dawra u hekk kif kien rega' hiereg hdejn it-tarag ta' Boffa rega' ra lill-imputata u wiehed mill-irgiel li kien maghha qabel telghin jigru, b'zewg irgiel ohra jigru warajhom. Micallef jghid li wiehed minn dawn it-tnejn seta' kien ir-ragel l-iehor li kien hemm qabel ma'l-imputata pero ma kienx cert ghax lit-tieni wiehed ma kienx rah sewwa. L-ahhar ragel li tela' it-tarag saqsa lil Micallef fejn kienu marru jigri l-persuni l-ohra u kompla jigri warajhom. Micallef gera warajhom hu ukoll u eventwalment ra wiehed minn dawn l-irgiel maqbud hdejn karrozza tal-linja fit-terminus.

Illi kif intqal Stephen Abdilla gie arrestat malli waslu l-pulizija fuq il-post. Huwa tressaq il-Qorti b'diversi imputazzjonijiet in konnessjoni ma' dan l-incident u ammetta dawn l-imputazzjonijiet. Dan Stephen Abdilla tressaq bhala xhud fil-proceduri odjerni. Meta huwa ddepona assuma r-responsabbilta ghall-akkadut u ghamel minn kollox biex jipprova jezonera lill-imputata. Huwa qal li kien hdejn il-karozzi tal-linja, niezel in-nizla (Triq San Frangisk) u quddiem l-isptar Boffa fejn hemm l-appartamenti seraq il-handbag; peress li bdew jigru xi nies warajh hu telaq jigri ukoll u meta wasal hdejn il-monument[2] ra lill-imputata fuq il-bankina, taha il-basket, hi inhasdet, u hu baqa jigri u mbaghad qabduh hdejn tal-linja fit-terminus. Abdilla insista li lill-imputata ma kienx raha qabel u f'l-ebda hin ma kienet mieghu qabel, waqt jew wara is-serqa u li kien purament incidentali li raha hdejn il-monument. Eventwalment Abdilla ammetta li l-lejl

[2] Mid-depozizzjoni tieghu huwa car li Abdilla qed jirreferi ghall-War Memorial.

ta’ qabel l-incident l-imputata kienet raqdet id-dar tieghu (hu joqghod il-Belt) fejn raqad ukoll certu Fabian. Abdilla spjega li fil-ghodu hu u Fabian marru d-detox centre flimkien u warajhom marret l-imputata ukoll pero baqa jinsisti li wara li mar id-detox centre lill-imputata ma regax raha jew iltaqa’ maghha sa kemm eventwalment raha hdejn il-monument u taha il-handbag li kien ghadu kemm seraq.

Illi mill-investigazzjoni li mexxiet il-pulizija rrizulta li l-mara li Christian Mansueto semma’ fil-verzjoni tieghu tal-fatti u li kienet tidher mir-ritratti li ha kienet l-imputata; din fil-fatt giet arrestata ftit wara. Fil-kors ta’l-interrogazzjoni taghha ghall-ewwel l-imputata cahdet kwalunkwe involviment pero eventwalment irrilaxxjat stqarrija ohra li fiha qalet li l-lejl ta’ qabel l-incident hija kienet ghaddietu ghand Stephen Abdilla fejn kien hemm ukoll certu Fabian. Fis-6.00am Stephen u Fabian hargu imma hi baqghet hemm; ghall-habta ta’l-10.00am Stephen u Fabian irritornaw d-dar u ftit wara hargu t-tlieta flimkien u mxew sa puturjal; iz-zewg irgiel waqfu hemm f’gabbana fil-waqt li l-imputata qabdet tal-linja u marret id-detox centre. Meta spiccat irritornat lura l-Belt u regghet marret hdejn il-gabbana fejn kien ghad hemm Stephen u Fabian. Telqu minn hemm flimkien u mxew sal-monument li hemm fin-nizla ta’ Kastilja[3] fejn iz-zewg irgiel qalulha li ser ihalluha u telqu ‘l hemm. Da parti taghha l-imputata rat ragel ghaddej bil-kelb, saqsietu il-hin (hu qallha 12.50hrs) u kienet ser timxi sal-bus stop li hemm ftit aktar ‘l fuq f’dik l-istess bankina. F’l-istqarrija l-imputata tkompli tirrakkonta li hekk kif kienet ser tibda miexja lejn il-bus stop gie Stephen Abdilla jigri minn warajha b’ragel iehor jigri warajh. Stephen tefalha handbag f’idejha u qallha biex izzommulu ghax ha jinqabdu. L-imputata zieded tghid li sa dak il-hin kien cemplilha l-partner taghha biex jghidilha ma tmurx l-isptar (hi kienet sejra l-isptar biex tarah) pero iddeciediet li xorta titla fuq tal-linja biex ma tinqabadx. Gara pero li minhabba li dak ir-ragel li gera wara Stephen kien qed jiehu r-ritratti taghhom (hawn qed tirreferi ghal Christian Mansueto) u jghajjat li kienu serqu, allura, u peress li hi kien ghad kellha l-handbag misruq ghandha, iddecidiet li tinzel minn fuq l-karrozza tal-linja u telqet ‘l hemm, irmiet il-handbag hdejn l-MCP u marret id-dar.

[3] Hawn l-imputata mhux qed tirreferi ghall-War Memorial imma ghall-ewwel wiehed miz-zewg monumenti “zghar” li hemm (kwazi mohbija bis-sigar) fuq il-bankina li taghti ghal-gnien li hemm fuq l-isptar Boffa u li ghalihom ghamel referenza ix-xhud Mario RichardMicallef.

Eventwalment arrestawha l-pulizija u hi hadiethom fuq il-post fejn kienet irmiet il-handbag li instab f'dak l-istess post.

Illi l-imputata xehdet quddiem din il-Qorti; hi tat bejn wiehed u iehor l-istess verzjoni li tat f'l-istqarrija pero din id-darba qalet li r-ragel li kien miexi bil-kelb qallha li l-hin kien 12.40 u li minn x'hin kellmet lilu sa kemm gie Stephen jigri jaghtiha l-handbag kienu lahqu ghaddew ghaxar minuti; din id-darba ziedet tghid li ma' Stephen kien hemm Fabian jigri ukoll u specifikat ukoll li huma kienu telghin mit-tarag ta'l-isptar Boffa. Hi kompliet izzied li malli tawha il-basket bhal iccassat, ma kenitx taf x'ser taqbda taghmel u propju dak il-hin bdiet tisma minn jghajjat "seraq xiha seraq xiha" u fi kliemha "*jien bzonn nisraq ma kelliex.... b'l-istess biza' qbadt il-basket u armejtu f'post li biex nigi bzonnu, bzonnu fis-sens jekk jinqala xi haga inkun nista' mmur ingiebu lura*". L-imputata kompliet tixhed u tghid li dak il-basket li jidher fir-ritratt mehud minn Manuseto meta hi kienet tiela' fuq tal-linja kien taghha u dak il-hin kienet diga remietu l-basket il-misruq ghaliex, fi kliemha stess, "*kont diga armejtu ... ghax jien kif tahuli, ċum, qbat u armejtu*". Tul id-depozizzjoni taghha l-imputata cahdet li hija kienet ma' Stephen Abdilla u Fabian meta nsteraq il-handbag, cahdet ukoll li hija qatt kienet fit-tarag ta' Boffa tul l-episodju kollu; hi ziedet li kien impossibbli ghaliha li titla dak it-tarag minhabba l-piz taghha u minhabba li ghandha trombozi f'saqajha. F'dan ir-rigward ghandu jigi rilevat li fil-kontro ezami l-imputata tammetti li minn dak in-nhar ta'l-incident sad-data ta' meta tat d-depozizzjoni taghha hija kienet ziedet almenu ghaxar kilo.

Illi z-zewg pulizija li akkompanjaw lill-imputata biex turihom fejn kienet irmiet il-handbag ikkonfermaw li l-handbag kien taht il-haxix hdejn l-MCP car park fl-vicinanzi tal-Commonwealth Monument.

Ikkunsdrat

Illi f'dan l-istadju l-Qorti hija tal-fehma li ghandhom isiru xi osservazzjonijiet dwar dak li qalu x-xhieda u l-kredibilita taghhom.

Illi l-vittma Josphine Agius u z-zewg xhieda okkulari (Mansueto u Micallef) tista' tghid li bejniethom jaghtu stampa wahda inekwivoka u kompluta. Id-depozizzjoni taghhom tirreferi ghal stadji differenti (b'xi overlaps) ta'l-espisodju kollu mill-mument li l-imputata, Stephen Abdilla u Fabian kienu qeghdin hdejn il-bus stop li hemm fin-nizla ta' Kastilja sa kemm sehhet l-l-aggressjoni fuq Agius u eventwalment inqabad Abdilla; pero dak li jghid kull wiehed minn dawn il-persuni jikkorrobora dak li jghidu l-ohrajn.

Illi l-post fejn sehhet l-aggressjoni fuq Agius jirrizulta ampjament mhux biss mid-depozizzjoni ta' Josephine Agius innifisha imma anke minn dak li qalu z-zewg xhieda l-ohra; m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li l-aggressjoni sehhet fid-dawra ta' Triq San Frangisk qabel it-Triq li taghti ghall-entratura ta'l-isptar Boffa. L-aggressjoni fuq Agius hija deskritta minnha stess u anke minn Mansueto. L-unika divergenza bejn iz-zewg verzjonijiet hija li fil-waqt li Agius tghid li kien ragel wahdu li aggrediha, Mansueto jghid li ra zewg irgiel hdejn Agius. Fil-fehma tal-Qori mhiex xi haga straordinarja li fil-paniku tal-mument persuna anzjana bhal Agius tinduna biss b'dik il-persuna li l-ewwel marret fuqha u gibdet il-handbag.

Illi immedjatament wara din l-aggressjoni Mansueto ra lill-imputata fit-Telgha tal-Kurcifiss thaffef il-pass, mhux biex tahrab liz-zewg irgiel li kienu ghadhom kif wettqu dik l-aggressjoni, imma biex tilhaq maghom u tkompli miexja maghom sal-pompa tal-petrol minn fejn, flimkien, telghu flimkien it-tarag li hemm ftit 'l isfel mill-pompa tal-petrol u li jaghti ghall-isptar Boffa u aktar 'l fuq ghal hdejn it-tieni monument zghir (int u gej minn Kastilja fid-direzzjoni tal-Furjana) li hemm hdejn is-sigar fuq il-bankina faccata tal-war memorial. Mansueto ra lit-tlieta li huma telghin it-tarag u hu tela jigri warajhom.

Illi Mario Richard Micallef jghid li wara li tkellem ma' Josephine Agius ra lill-imputata (li kellmitu biex saqsietu l-hin) u zewg irgiel f'l-inhawi taz-zewg monumenti zghar; qanqlulu suspett, baqa jistenna ftit hemm u meta ra li Agius kienet qarrbet aktar id-dar taghha kompla miexi u ghal hin ma rahomx aktar lill-imputata u z-zewg irgiel li kien hemm maghha. Hu kompla bil-passeggjata u meta kien hdejn it-tarag ta' Boffa ra nies telghin jigru, l-ewwel mara u ragel (l-imputata u wiehed mil-irgiel li kien maghha qabel) u warajhomn zewg irgiel ohra li hu m'gharafhomx; wiehed minnhom pero kellmu u saqsih jekk rax lil xi hadd jigri u anke qallu dwar l-aggressjoni li kienet ghada kif sehhet; dan kien Mansueto. Meta sema' hekk Micallef kompla jigri hu ukoll lejn it-terminus tal-linja fejn gew identifikati t-tlett persuni koncernati telghin fuq tal-linja.

Illi minn dawn ir-rakkonti huwa cara li l-persuni li ra Micallef qabel u wara l-aggressjoni, u l-persuni li ra Mansueto fil-hin tal-aggressjoni u immedjatament wara u li anke segwa u ha ritratti taghhom, huma l-istess tlett persuni u li l-mara fosthom kienet l-imputata[4]; hi mhux biss tidher mir-ritratti li ha Mansueto imma anke giet identifikata f'l-awla.

Illi min-naha l-ohra hemm id-depoizzjoni ta' Stephen Abdilla kif ukoll id-depozizzjoni u l-istqarrija ta'l-imputata.

Illi jibda biex jinghad li Stephen Abdilla assolutament mhux kredibbli; kien lampanti mill-ewwel kliem li lissen li dak li rid jaghmel bid-depozizzjoni tieghu kien li jezonera lill-imputata minn kwlaunkwe responsabbilta li seta' kellha f'l-akkadut. Pero huwa gie skredietat kwazi f'kull haga li qal[5] u ironikament kienet l-imputata ukoll li giddbet lil Abdilla.

Illi fit-tentattiv tieghu biex jikkonvinci lill-Qorti li kien purament kazwali li wara li seraq il-handbag ta' Agius ra lill-imputata, Abdilla insista li wara li telaq mid-

[4] Lill-imputata hadd ma raha ezattament hdejn Josephine Agius meta insterqilha il-handbag.
[5] Hlif li kien hu li gibed il-handbag ta' Josephine Agius.

dar kmieni fil-ghodu ma regghax raha lill-imputata u li kien biss meta tela mit-tarag ta' Boffa li incidentlament iltaqa' magha. Dan pero huwa kontradett mhux biss minn Mansueto u Micallef imma anke mill-imputata stess li tghid li hi u Abdilla kienu l-gabbana flimkien, u mxew flimkien sa hdejn il-monumenti iz-zghar. Tenut kont ta' dan il-Qorti ma tistax taghti affidabilita lil dak li qal dan ix-xhud.

Illi mbaghad hemm l-istqarrija u d-depozizzjoni ta' l-imputata. Il-verzjoni mghotija mill-imputata hija kontradetta mhux biss mill-verzjoni mghotija minn Mansueto u Micallef imma anke minnha stess in kwantu tghid affarijiet li ma jaghmlux sens u anke tikkontradici lilha nnifisha. Per ezempju:

- Tipprova tiggustifika l-prezenza taghha f'l-inhawi ta' fejn saret l-aggressjoni billi tghid li ridet taqbad tal-linja biex tmur tara lis-sieheb taghha l-isptar (Mater Dei) u li ghal dan il-ghan kienet ser taqbad il-karrozza tas-1.00pm; huwa fatt maghruf li l-hinijiet tal-visti f'l-isptar Mater Dei mhumiex fis-1.00pm.
- F'l-istqarrija spjegat li Abdilla gie jigri minn warajha ezatti wara li hija kienet kellmet lir-ragel li kien miexi bil-kelb; pero waqt id-depozizzjoni tghid li wara li kellmet lir-ragel bil-kelb mxiet fuq il-bus stop u ghaddew ghaxar minuti qabel ma gew kemm Abdilla u Fabian u tawha il-basket misruq.
- Tghid li f'xi hin kien cemplilha s-sieheb taghha biex jghidilha biex ma tmurx tarah u ghalhekk ma kellhiex ghalfejn taqbda tal-linja. Jekk din hija l-verita allura ma kellhiex ghalfejn tibqa tistenna hemm ghal ghaxar minuti shah ghal xejn.
- Fid-depozizzjoni taghha tghid li hija l-basket ta' Agius remietu immedjatament wara li tahulha Abdilla pero f'l-istqarrija tghid li meta telghet fuq tal-linja (fit-terminus u mhux fejn kienet qed tistenna qabel) il-basket kien ghadu ghandha u hi remitu wara li nizlet minn tal-linja hdejn l-MCP.
- Fid-depoizizzjoni taghha l-imputata tghid li meta hi kienet qed tistenna tal-linja hija rat lil Abdilla u lil Fabian telghin it-tarag ta' Boffa pero dan huwa impossibbli ghaliex it-tarag qieghed hdejn it-tieni monument ghalhekk diversi metri 'l boghod mill-bus stop u huwa impossibli li minn fuq il-bus stop tara it-tarag li jaghti ghall-isptar Boffa.

Illi hemm ukoll kontradizzjonijiet ohra li jimminaw l-kredibilita ta'l-imputata. Hi tghid li fil-perjodu ta'l-incident mertu ta' dawn il-proceduri hija kienet "*bil-ghaqal*", pero l-probation officers taghha prodotti bhala xhieda jghidu affarijiet differenti. L-imputata anke pruvat tizvijja lill-Qorti billi pruvat taghti l-impressjoni li fid-data ta' l-incident l-istatura taghha kienet l-istess bhal meta kienet qed tiddeponi, u dan biex tikkonvinci li hi ma setghetx titla it-tarag ta' Boffa; kien biss in kontroezami li ammettiet li minn dak in-nhar ta'l-incident kienet ziedet almenu ghaxar kilos.

Illi tenut kont ta' dawn l-osservazzjonijiet u dawn fid-dawl tal-provi kollha prodotti l-Qorti hija konvinta li ma tistax taghti kredibilita lill-imputata u li l-fatti sehhew kif rakkontati minn Christian Mansueto u Richard Mario Micallef. Il-Qorti fil-fatt hija konvinta li l-imputata ma kenitx f'dawk l-akwati ghax kienet sejra l-isptar (Mater Dei) imma kienet hemm ghax kienet qeghda ma Stephen Abdilla u Fabian kemm qabel kif ukoll immedjatament wara li saret l-aggressjoni fuq Josephine Agius; il-Qorti hija daqstant konvinta li l-imputata mxiet lejn il-pompa tal-petrol li hemm fit-Telgha tal-Kurcifiss fejn regghet ilaqghet ma' Abdilla u Fabian ghax kellha tiltaqa' maghhom hemm, u minn hemm, segwieti minn Christian Mansueto, telghu t-tarag ta' Boffa u baqghu sejrin fuq karrozza tal-linja fit-terminus fejn Mansueto ha r-ritratti taghom u eventwalment Abdilla inqabad.

Ikkunsidrat

Illi l-imputazzjoni principali migjuba kontra l-imputata hija dik ta' komplicita, ai termini ta'l-artikolu 42(d)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ma' Stephen Abdilla fir-reati minnu kommessi dak in-nhar cioe komplicita f'serq aggravat bil-vjolenza u bil-valur ghad-dannu ta' Josephine Agius persuna ta' erbgha u sebghin (74) sena u offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' l-istess Josephine Agius.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta ampjament (u lanqas hu kontestat) li s-serq b'l-aggravji fuq imsemmija sehh u li waqt din l-aggressjoni Josephine Agius soffriet griehi ta' natura hafifa li pero mic-certifikat jidher li l-griehi kienu mhux biss ta' natura hafifa imma ta' importanza zghira. Jirrizulta ukoll li l-awtur ta' dawn ir-reati kien Stephen Abdilla.

Illi l-kwistjoni li trid tigi rizolta hi jekk l-imputata Lorita Pace kenitx komplici f'dawn ir-reati.

Illi d-dottrina u l-gurisprudenza in tema ta' komplicita hija ben stabbilita. Il-Professur Sir Anthony Mamo jghallem li:

> *A man may be held responsible for an offence, even though he may not have done the act which constitutes that offence, if he had done some other act which has helped towards the commission of the offence and had done the act in pursuance of a common design to commit that offence*[6].

Illi fil-fatt il-paragrafi (d) u (e) ta'l-artikolu 42 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdu hekk:

> *Persuna titqies kompliċi f'delitt jekk hija -*
>
> *(c)..... xjentement, tkun għenet jew assistiet lill-awtur jew lill-awturi tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt ikun ġie ippreparat jew ikkunsmat; jew*
>
> *(e) tkun xewxet lil ħaddieħor inkella saħħet il-volontà tiegħu sabiex jagħmel id-delitt, jew wegħdet li wara l-fatt tassistih, tieqaf miegħu jew tikkompensah.*

[6] Notes on Criminal Law Vol I pagna 124.

Illi l-Professur Mamo jghid ukoll li:

> *Concurrence after the fact is impossible. All that comes after the event cannot be the cause thereof..... it is extraneous to its happening whatever its connection with it. Thus to receive stolen articles, or to harbour a fugitive from the prsions, or to conceal the dead body of a murdered person, cannot in themselves be considered as a participation in the respective crimes. All such actions may be, in fact, are made punishable by the law as offences 'sui generis' but it would be absurd to regard them as forms of accession to the crime. Nor can it be objected that such actions are very often but the carrying out of a previous promise; for, in any such case,* ***the antecedent promise being made to appear, it would be such promise made before the event that would constitute complicity***[7] *and not its fulfillment after the fact*[8].

Illi dan il-principju gie riaffermat fil-gurisprudenza; il-Qorti ta' l-Appell Kriminali rribadiet diversi drabi li *fil-liġi Maltija, il-figura ta' 'accessory after the fact' li teżisti fil-liġi Ingliża ma tiffurmax parti mill-elementi inklużi u msemmija tassattivament fil-liġi, biex ikun hemm kompliċita' fir-reat*[9].

Illi l-istess Qorti ta'l-Appell qalet li:

> *Il-kompliċi huwa dak li għalkemm ma jipparteċipax materjalment fis-serqa, jagħmel xi ħaġa, bi ftehim magħhom, jiġifieri jkun hemm ftehim minn qabel magħhom, biex jgħinhom jew fil-preparazzjoni tas-serqa,*

---

[7] Sottolinear ta' din il-Qorti.
[8] Op Cit pagna 126.
[9] Ref Il-Pulizija vs Shirley Chircop deciza 06.06.2002.

*jew fit-twettiq tas-serqa, .... L-importanti huwa naturalment li jkun hemm ftehim minn qabel.*[10]

Illi dwar il-prova necessarja biex tirrizulta imputazzjoni ta' komplicita f'reat imwettaq minn persuna ohra huwa stabbilit fil-gurisprudenza li jrid jirrizulta sodisfacentement pruvat mill-prosekuzzjoni ... li l-imputat (i) kien jaf li l-awtur kien ser iwettaq id-delitt u (ii) li hu deliberatament ghenu biex hekk iwettaq id-delitt billi ghamel xi haga li tinkwadra f'wiehed mill-paragrafi (a) sa (e) tal-Artikolu 42 tal-Kodici Kriminali. Is-semplici fatt li l-imputat mar ma' l-awtur, u anke kien fuq il-post waqt li dan wettaq id-delitt in kwistjoni, ma jfissirx necessarjament li hu kien jaf x'kellu f'mohhu. Il-Qorti ta'l-Appell Kriminali pero iccarat li:

*Huwa veru li l-presenza ta' persuna fuq il-post tad-delitt u waqt li jkun qed jigi kommess id-delitt tista' tammonta ghall-komplicita` f'dak id-delitt kemm-il darba jkun jirrisulta li bejn dik il-persuna u l-awtur tad-delitt kien hemm il-hsieb komuni li jsir dak id-delitt, u li l-presenza ta' dik il-persuna effettivament assistiet lill-awtur, anke jekk biss moralment, biex iwettaq dak id-delitt*[11].

Illi ghalhekk, applikati dawn il-principji ghal kaz in ezami, dak li jrid jigi pruvat hu li l-imputata kienet taf x'kellu f'mohhu Abdilla u li hi ghenitu, imqar moralment, b'xi mod indikat fil-paragrfai (d) u (e) ta'l-artikolu 42 tal-Kapitolu 9[12], fit-twettieq ta' dan il-pjan.

Illi f'dan l-istadju din il-Qorti hija tal-fehma li ghandha taghmel referenza ukoll ghall-principji li ghandhom jigwidawha meta qed tiddetermina jekk kienx jezisti l-common design bejn Stephen Abdilla u l-imputata. Fil-kawza The Republic of

---

[10] Ref Ir-Rep速ublika ta' Malta vs Martin Dimech deciza 29.09.2004.
[11] Ref Il-Pulizija vs Carmelo Agius deciza 24.02.2002.
[12] Fin-nota ta' rinviju ghal gudizju ta'l-Avukat Generali dawn iz-zewg paragrafi gew kwotati.

Malta vs Steven John Lewis Marsden[13] saret referenza ampja ghal dawn il-principju li jemergu primarjament mid-dottrina ingliza in tema:

> *..... as Timothy Jones and Michael Christie point out in the second edition of Criminal Law: "**Proof of the agreement essential to a criminal conspiracy will generally be inferential. Sometimes overt acts will have been committed by some or all of the accused, but this will not always be the case**. But even if there have been some such overt acts, **the existence of mens rea, in the form of an agreement and commitment to the criminal purpose of the conspiracy, will have to be proved by inference**. For example, if a group of men is apprehended wearing masks and carrying weapons while sitting in a car outside a bank, there is a clear inference to be drawn that there is an agreement to rob the bank. The group is unlikely to be there for any other purpose. Lord Justice-Clerk Grant pointed out to the jury in H.M. Advocate v. Wilson, Latta and Rooney (1968): "**You won't often get eye-witnesses of the agreement being made or eavesdroppers who actually hear it being made. Accordingly, in many cases it is a question of judging from the acts of the alleged conspirators whether in fact there was a conspiracy between them in pursuance of which they are acting**[14]**.**"*

Illi fil-kaz in ezami m'hemmx prova diretta ta' xi ftehiem bejn Abdilla u l-imputata pero fil-fehma tal-Qorti hemm provi indizjarji sufficjenti li ghandhom iwasslu ghal-konkluzzjoni wahda u cioe li l-imputata kienet taf b'dak li kien ser jaghmel Abdilla u li hija ghenietu mhux biss moralment u bil-prezenza taghha imma anke sahhet il-volonta tieghu u ghenietu anke wara billi hadet dan il-handbag u hbietu fil-basket taghha f' tentattiv biex ma jinqabdux. Kif diga ntqal l-imputata kienet ma' Abdilla f'l-inhawi minn fejn Josephine Agius kienet qed tirritorna lejn darha; ghalkemm l-imputata tghid li Abdilla (u Fabian) telquha u

[13] Deciza 02.11.2009.

[14] Is-sottolinear huwa ta' din il-Qorti. Ghandu jigi rilevat ukoll li l-kawza kwotata (The Republic of Malta vs Steven john Lewis Marsden) tirreferi ghal *conspiracy* f'reati kontemplati fil-Kapitoli 31 u 101 tal-Ligijiet ta' Malta pero l-principi japplikaw b'l-istess mod ghall-common design rikjest f'komplicita f'kwalunkwe reat iehor.

ma tafx fejn marru, hi fil-fatt kienet taf ezattament fejn kienu sejrin tant li immedjatament wara l-aggressjoni hi regghet ltaqghet maghhom f'post (hdejn il-pompa tal-petrol fit-Telgha tal-Kurcifiss) fejn ma kelliex ghalfejn tkun jekk hi verament kienet ser taqbad karrozza tal-linja biex tmur l-isptar tara l-is-sieheb taghha. Mhux talli hekk talli minkejja l-konsapevolezza ta' dak li kien sehh hi accettat li zzomm il-handbag il-misruq fil-basket taghha ghalkemm tghid li kienet "qeghda bil-ghaqal u ma kellhiex bzonn tisraq". Aktar minn hekk hi baqghet izzomm il-handbag ta' Agius u wara li gew segwieti minn Mansueto u ittiehdu ritratti taghha hdejn tal-linja fit-terminus puturjal, hi iddeciediet, mhux li tikkonsenja il-basket lill-pulizija jew almenu thallih f'idejn Mansueto, imma iddecidiet li tahbih qalb il-haxix fil-vicinanzi tal-Commonweath Monument.

Illi tenut kont tas-suespost il-Qorti hija konvinta li l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra l-imputat tirrizulta sodisfacjentement pruvata.

Ikkunsidrat

Illi l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra l-imputata (it-tieni sal-hames imputazzjoni) jirreferu ghall-fatt li kkommettiet reat fil-perjodu operativ ta' sentenza sospiza u waqt zewg istanzi ta' probation u li hija recidiva.

Illi in sostenn ta' dawn l-imputazjonijiet il-prosekuzzjoni prezentat diversi sentenzi:

- Sentenza datata 11 ta' Dicembru 2012 permezz ta'liema l-imputata giet ikkundannata sitt xhur prigunerija sospiezi ghal perjodu ta' sena --- Dok KB3 a fol 138 tal-process;
- Sentenza datata 24 ta' Frar 2012 permezz ta' liema l-imputata tpoggiet taht ordni ta'probation ghal perjodu ta' sentejn --- Dok KB4 a fol 141 tal-process;
- Sentenza datata 28 ta' Marzu 2012 permezz ta'liema l-imputata tpoggiet taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' sena --- Dok KB2 a fol 135 tal-process.

Illi l-fatti li taw lok ghal proceduri odjerni sehhew fid-19 ta' Marzu 2013 ghalhekk dawn l-erbgha imputazzjonijiet issa in ezami jirrizultaw ukoll.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-piena hemm diversi fatturi x'jittiehdu in konsiderazzjoni; bla dubbju l-ewwel fattur li ghandu jittiehed in konsiderazzjoni huwa in-natura tar-reati li l-imputata hija komplici taghhom u anke l-eta tal-vittma. Il-Qorti necessarjament ghandha tiehu in konsiderazzjoni ukoll li minkejja diversi opportunitajiet li nghatat l-imputata mill-Qorti fil-passat jidher li hija m'gharfitx tirriablilita lilha nnifisha u dan mhux biss ghax regghet ikkommettiet reat ohra imma anke ghax mhux qed tikkopera ma'l-ufficjali tal-probation bil-mod kif mistenni minnha.

Illi teneut kont ta' dan u tenut kont tal-fedina penali refrettarja ta'l-imputata il-Qorti m'ghandha l-ebda ghazla hlif li timponi piena karcerarja ghar-reat li tieghu qed tinstab hatja llum. B'tama li b'din is-sentenza l-imputata tiehu t-taghlima li ghandha bzonn biex taghmel il-parti taghha fil-process ta' riabilitazzjoni l-Qorti qed taghzel li ma titrattax maghha ghar-reati li taghhom inghatat sentenza sospiza u probation imma ser testendi il-perjodu operativ tas-sentenza sospieza ghall-perjodu ta' erbgha snin mill-llum u qed testendi ghall-perjodu massimu ta' tlett snin iz-zewg perjodi ta' probation.

Illi dwar l-ikkalibrar tal-piena li ghandha tigi imposta jigi rilevat li l-artikoli 274(d) tal-Kapitolu 9[15] jistabilixxi terminu ta' prigunerija bejn tmintax il-xahar u tlett snin; b'applikazzjoni ta'l-artikolu 274A tal-Kapitolu 9 il-piena ghandha tizdied bi grad ghalhekk il-paramentri jizdiedu: sentejn sa' erbgha snin. In oltre u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 277(a) ta'l-istess Kapitolu 9 il-piena ma tistax

[15] Diga ntqal li fil-fehma tal-Qorti l-griehi huma hfif u ta' importanza zghira.

tinghata fil-minimum ghalhekk il-perjodu ta’ prigunerija li ghandu jigi impost bil-fors irid ikun ta’ almenu sentejn u tmien xhur. L-artikoli 49 u 50 jhalluha fid-diskrezzjoni tal-Qorti dwar zieda tal-piena bi grad f’kaz ta’ recidiva; fil-kaz in ezami il-Qorti hija tal-fehma li m’ghandiex izzied il-piena ulterjorment.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 28B, 42(d)(e), 49, 50, 221, 222A, 261(a)(c), 262(b), 267 u 276A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikoli 7 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputata hatja ta’l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u taghhom tikkundannaha sentejn u tmien xhur prigunerija; in oltre u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 28B(2)(b) tal-Kapitolu 9 il-Qorti qed testendi b’erbgha (4) snin mill-llum il-perjodu operativ tas-sentenza ta’ sitt xhur prigunerija mghotija fil-konfront ta’ l-imputata fil-11 ta’ Frar 2012, u b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 23 tal-Kapitolu 446 qed testendi ghall-perjodu massimu ta’ tlett snin il-perjodu ta’ probation mghoti bis-sentenzi datati 24 ta’ Frar 2012 u 28 ta’ Marzu 2012 rispettivament.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------